MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 215/2013

**Andre Magro, Mario Magro, John Magro u Paul Magro**
**Lkoll aġenti n-negozju Firm Michael Magro**
**Vs**
**Alan Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi l-ammont bilancjali ta' elf, sitt mija u sitta u hamsin ewro u wiehed u tletin centezmu (€1656.31) dovut ghall-merkanzija mibjugħa u kkonsenjata mill-atturi lill-konvenut. Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali mis-26 ta' Mejju 2011, data tal-ahhar konsenja, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li giet pprezentat nota ta' riduzzjoni fl-10 ta' Gunju, 2013 mill-Avukat Anthony Cutajar li permezz taghha l-

atturi rriducew s-sorte ghas-somma t' elf tlett mija u sitta u hamsin euro u wiehed u tletin centezmu (€1356.31), stante pagament akkont fil-mori tat-talba.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-10 ta' Gunju, 2013 mill-Avukat Anthony Cutajar u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-atturi kif ridotta bin-nota ta' l-istess Socjeta' attrici ta' nhar l-10 ta' Gunju,2013 fl-ammont ta' elf, tlett mija u sitta u  u hamsin ewro u wiehed u tletin centezmu (€1356.31) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-26 ta' Mejju 2011 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------